# IL-FESTA TA' SAN PIETRU FL-AWSTRALJA

Kif jista wieħed jara fl-artiklu li jmiss, anke ħutna l-Maltin, speċjalment mir-raħal tagħna ta' Birżebbuġa li qegħdin jgħixu l-bod mix-xtut tagħna ġewwa l-Awstralja, għadhom jiċċelebraw din il-festa. Kien il-pjaċir tal-Kumitat tagħna li meta s-Sinjuri Emmanuel u Raymond Grima, familja minn Birżebbuġa jgħixu fl-Awstralja, offrewilna li jibgħatulna materjal sabiex jidher f'din il-ħarġa, il-Kumitat aċċetta. Għalhekk aħna sejrin nipproduċu l-artiklu bir-ritratti kif deher fuq "The Maltese Herald" tat-Tlieta, 29 ta' Awissu 1995.

Il-familji tas-Sinjuri Grima flimkien mal-familjari kollha tagħhom huma l-organizzaturi ta' din iċ-ċelebrazzjoni li ssir kull sena ġewwa Para Hills, S.A. Ta min wieħed isemmi li s-Sur Raymond Grima huwa l-Uffiċjal tar-Relazzjonijiet Pubbliċi tal-Maltese Queen of Victories Band ta' S.A. Fil-fatt is-Sur Raymond Grima fil-ktejjeb maħruġ mill-istess Banda kull tlett xhur bl-isem ta' The Sound of Music", għax-xahar t'Ottubru, ippubblika artiklu dwar l-istorja tal-Banda tagħna flimkien ma informazzjoni dwar is-Surmast tal-Banda. Barra minhekk is-Sur Emmanuel Grima huwa l-ewwel membru volontarju ta' l-Għaqda tagħna barra mix-xtut ta' Malta.

F'isem il-parruċċani ta' Birżebbuġa nirringrazzjaw lis-Sinjuri Grima tax-xogħol li qed iwettqu fl-Awstralja u li żammew il-festa tal-Patrun tagħna San Pietru ħajja fost il-Maltin.

L-Artiklu li deher fil-"The Maltese Herald" tat-Tlieta, 29 ta' Awissu 1995

## Ġurnata Kulturali Maltija u l-Festa ta' San Pietru



Il-Ħadd 13 ta' Awissu 1995 fil-Parroċċa ta' Para Hills, South Australia, ġiet iċċelebrata ġurnata Kulturali Maltija b'konnessjoni mal-Festa ta' San Pietru fil-Ktajjen li ssir f'Birżebbuġa f'Malta. Din kienet organizzata mill-Parruċċani Maltin ta' Para Hills, S.A.

Il-ġurnata kienet mill-isbaħ b'temperatura ta' 22 grad celsius. Ħafna nies Maltin ġew u tħalltu mal-barranin tal-Parroċċa għal quddiesa ta' l-10 ta' fil-għodu, fejn anke tqassmu xi badges b'wiċċ San Pietru. Ii l-barranin ħadu pjaċir jilbsu fuq sidirhom flimkien mal-Maltin.

Il-Quddiesa ġiet iċċelebrata mill-Kappillan tal-Parroċċa, Fr. Marek Ptak, li għalkemm huwa Pollakk, sellem lill-kongregazzjoni bil-kelma Maltija, "Nagħtikom Merħba" u fl-aħħar tal-quddiesa reġa' sellem lill-kongregazzjoni bil-Malti meta xtaqilna "Ġurnata ta' Ferħ u Kuntentizza u l-Festa t-Tajba", fost ċapċip mill-Maltin.

Il-Liturġija tal-Quddiesa nqrat bil-Malti, filwaqt li l-Omelija kienet fuq San Pietru. Tfal Maltin lebsin il-kostum Malti ħadu sehem fl-Offertorju tal-quddiesa bis-simboli tal-festa li kienu, "Il-Katina, is-Salib u l-Imfietaħ"

Ix-Xemgħa tal-Paċi ġiet imtella' fuq l-artal minn Manuel u Gaetano Grima, fl-okkazzjoni tal-50 Sena ta' Paċi li l-Awstralja kollha kienet qegħda tiċċelebra dak inhar.

Il-Kor iffurmat mill-Parruċċani Maltin lebsin il-kostum Malti kantaw l-Innijiet Maltin flimkien mal-Holy Trinity Music Group tal-Parroċċa, fejn anke tkanta l-Innu Popolari ta' San Pietru.

Meta spiċċat il-quddiesa, in-nies inġabret fuq iz-zuntier tal-knisja, fejn il-Banda Maltese Queen of Victories ta' Adelaide, daqqet l-Innu ta' San Pietru, flimkien ma Marċi Maltin, bit-tfal u nisa lebsin il-kostum Malti mdawrin mal-Inkwatru ta' San Pietru, replika tal-vara titulari ta' Birżebbuġa. Wara kulħadd daħal fis-Sala tal-Parroċċa mislufa mill-Pastoral Council għall-okkażżjoni, fejn kien hemm ikel miġjub minn kull min attenda fuq appell tal-organizzaturi.

Wara l-ikel il-Maltese Folklore Dancers ta' Adelaide, taw wirja ta żfin Folkloristiku Malti fost ċapċip kbir. Wara ż-żfin, il-Maltese Queen of Victories Band tawna siegħa ta' kunċert mużikali li anke dawn intlaqgħu b'ċapċip kbir kemm mill-Maltin, kif ukoll mill-barranin, fejn għamlu kuraġġ lill-organizzaturi sabiex nerġgħu nġibuhom sena oħra.

Wara li spiċċa il-kunċert, Manuel Grima, l-Organizzatur tal-Festa, stieden lill-President tal-Banda, is-Sur Andrew Caruana, fejn ippreżentalu "Trophy" b'tifkira tal-Festa ta' San Pietru 1995, li l-President irringrazzja lill-Organizzaturi għal ġest sabiħ li wrew lejn il-Banda.

*Ikompli f'pagna 64....*

# IRHAMA KOMMEMORATTIVA F'ĠIEH IS-SUR MARTIN ZAMMIT

Nhar it-Tnejn 25 ta' Diċembru 1995 fil-għodu, fil-ġurnata tal-Milied, saret ċerimonja simbolika u qasira fl-intrata tal-Każin fejn inkixfet irħama kommemorattiva li tfakkar l-egħluq il-Ħamsa w'Għoxrin sena ta' ħidma tas-Sur Martin Zammit bħala Segretarju fi ħdan il-Għaqda tagħna. Wara diskors qasir mill-President fejn aċċenna fil-qosor għax-xogħol li s-Sur Martin Zammit kien wettaq fil-Għaqda tagħna u fejn huwa, flimkien ma membri oħra , kienu li reġgħu waqqfu mill-ġdid il-Għaqda tagħna. U għalhekk il-Kumitat ħass li għandu jkun hemm xi ħaġa li tfakkar l-avveniment, għax mhix ħaġa ta' kuljum li wieħed jagħmel dak iż-żmien kollu f'kariga bħal dik.

Min-naħa tiegħu is-Sur Martin Zammit wieġeb li huwa dejjem ħadem għal ġid ta' l-Għaqda u qatt ma ħares lejn l-unuri. Li kieku ma kienx bil-għajnuna ta' San Pietru u ta' sħabu tal-Kumitat u bil-paċenzja tal-familjari tiegħu, ix-xogħol kien ikun kollu għalxejn. Wara huwa kixef l-irħama kommemorattiva li fuqha kien hemm il-kliem: " **IL-BANDA SAN PIETRU TFAKKAR L-GĦELUQ IL-ĦAMSA U GĦOXRIN SENA TAS-SUR MARTIN ZAMMIT BĦALA SEGRETARJU TAGĦHA 1970 - 1995**", u tbierket mid-Direttur Spiritwali ta' l-Għaqda, Rev. Dun Ġużepp Berry.

Attendew għal din iċ-ċerimonja membri tal-familja tas-Sur Zammit, kif ukoll diversi membri tal-Kumitati, u membri oħra. Wara sar riċeviment għal dawk preżenti fis-Sala tal-Kumitat.




Dehra ta' l-irħama kommemorattiva



Parti mill-udjenza waqt id-diskors tal-President

Ikompli minn paġna 57

Fil-Hall li kienet irranġata b'Wirja Kulturali Maltija, wara ġiet imtella r-Raffle ta' ħames 'hampers' u anke ġie offrut ċekk ta' $250 għall-manteniment tal-Knisja ta' Para Hills minn Manuel Grima lil Mrs. Shiela Clark, is-Segretarja tal-Pastoral Council tal-Parroċċa. Wara anke ntlagħbet il-'bingo'.



Għan-nom ta' sħabi l-Parruċċani Maltin, nixtieq nirringrazzja lill-isponsors tal-festa, lil Lorry Cauchi tal-Bandiera li silifna, lil Raymond Grima tal-'Programm' li għamel, lil 'Pastoral Council', lil M.C. Radio, lil B.G. Radio u lir-Radju Malti ta' l-SBS tax-xandir li għamlulna, lil M.Q. of V. Band, lil Maltese Folklore Dancers, lill-membri tal-Kor Malti u Music Group tal-Parroċċa, lill-voluntieri kollha li offrew l-għajnuna tagħhom, lil Clubs Maltin li għenuna u lil dawk kollha li b'mod jew ieħor taw l-għajnuna tagħhom biex din il-festa rnexxiet b'suċċess kbir.

**VIVA SAN PIETRU**

**Emmanuele Grima**
*Organiser.*